MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 925/2001/1

**Diego Attard**

**vs**

**Anthony Williams u b' digriet tas- 6 ta' Novembru, 2001**
**isem il-konvenut "Anthony" gie sostiwit bl-isem "Ruth", u b' digriet tal- 25 ta' Frar, 2003, gie kjamat in kawza Adrian Gomez Blanco**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tlett mija, tnax-il lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm 312.34c) rappresentanti danni ghall-hsarat kawzati fuq il-vettura Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni IAA-423 proprjeta' tal-attur wara l-habta awtomobilitistika li saret fid- 19 ta' Dicembru 2000 fi Triq in-Nutar Zarb, Attard meta bint il-konvenut, Ruth Williams kienet qeghda ssuq il-vettura Fiat Punto bin-numru ta'

registrazzjoni CAG 568 u li hi kienet unikament responsabbli ghal dan l-incident, oltre interessi fuq l-istess.

Bl-ispejjez tal-prezenti, inkluz ta’ l-ittra bonarja datata 20 ta’ Gunju, 2001 u ta’ l-ittra ufficjali datata Lulju 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn il-konvenut ecepixxa illi t-talba illi t-talbiet attrici fil-konfront ta’ l-eccipjenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, stante illi fl-ewwel lok, l-eccipjenti m’huwiex il-legittimu kontradittur f’ dan il-kaz, stante illi kif ammess mill-attur stess fit-talba tieghu, l-eccipjenti huwa s-sid tal-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni CAG 568, izda ma kienx ix-xufier ta’ l-istess fil-hin ta’ l-incident de quo, stante illi din, dak il-hin, kienet misjuqa minn Ruth Williams.

Inoltre, u minghajr prejudizzju ghal-premess, l-incident de quo sehh minghajr ebda htija da parti ta’ l-istess Ruth Williams, izda sehh unikament b’negligenza, traskuragni, imprezja jew nuqqas ta’ tharris tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta’ Andrea Garcia Blanca, li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni MVS 001, li habat fil-vettura ta’ l-eccipjenti u bl-impatt ikkaguna illi din tahbat fil-vettura ta’ l-attur.

Ra li l-kjamat fil-kawza debitament notifkat baqa ma pprezentax risposta.

Sema ix-xhieda w ezamina id-dokumenti.

Ikkundisra

Illi jirriuzlta mix-xhieda li l-attur qala’ daqqa minn fuq wara da parti tal-konvenuta, li da parti taghha xehdet li giet imbuttata fuq l-attur mill-vettura misjuqa mill-kjamat fil-kawza.

Di fatti l-hsara taghha giet mhallsa mis-socjeta’ assikuratrici tal-istess kjamat fil-kawza.

Illi x-xhieda tal-attur u tal-konvenuta ma giet bl-ebda mod kontradetta u ghalhekk jisthoqq li jigu milqugha.

Relattivament ghal-quantum tad-danni, dana lanqas ma gie kkontestat u gie jigi akkordat.

Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici , jiddikjara li l-kjamat fil-kawza Adrian Gomez Blanco unikament responsabbli ghall-incident li sehh fid- 19 ta' Dicembru, 2000 u jillibera lill Ruth Williams mill-osservanza tal-gudizzju, u jikkundanna lill-istess Adrian Gomez Blanco jhallas lill-attur is-somma ta' tlett mija u tnax-il lira Maltin u erbgha u tlettin centenzmi (LM 312.34c) in linea tad-danni.

Bl-ispejjes kontra l-kjamat fil-kawza u bl-interessi mid-data tas-sentenza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------